MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2009

Numru. 139/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**
**(Spettur Sandra Zammit)**

**vs**

**Justin Mizzi ta' 24 sena iben Carmelo u Maria Theresa xebba Farrugia, imwieled il-Pieta nhar it-30/07/1984 u residenti Nru. 230, 'Charles', Triq Santa Katerina Qormi u detentur ta' l-karta tal-identita` numru 372884(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Michael Sultana u cioe` talli fl-1 ta' Marzu 2009 u matul it-tliet xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer:

1. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipporkura d-droga **Kokajina**, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna/i jew ghall-persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt (6) taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament numru 4 tar-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 2921/1939) kif sussegwentamnet emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi , Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. kellu fil-pussess tieghu id-droga **Kokajina** specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja tal-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli 1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, **liema dorga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu personali tieghu;**

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101);

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata mill-imputat wara li l-Qorti tghatu zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali kwazi netta tieghu u l-fatt li l-imputat ikkollabora bis-shih mal-pulizija fl-investigazzjonijiet taghhom, u finalment il-fatt illi l-imputat ghandu problema tad-droga u kien iforni din id-droga lil huh stess.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat Reg. 4 G.N. 292/1939, Reg. 8 G.N. 292/1939 u l-Ordinanza dwar il-Medicina Perikoluza, issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula tikkundannah ghal perjodu ta' sitt (6) xhur prigunerija kif ukoll ghall-hlas ta' multa ta' €500.

Il-Qorti tordna id-distruzzjoni tad-droga esebita bhala Dok E fl-atti tal-kawza taht is-supervizjoni tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------